SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN

**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 09/K6/08

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 30/10/'08 238**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 30/10/'08 291**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-Laqgħa li saret nhar il-Ħamis 30 ta' Ottubru 2008.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fis-2.00 p.m.

1.03 Preżenti: Sebgħa membri tal-Kunsill, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker u l-iskrivana Roberta Sammut.

1.04 Kien hemm preżenti l-Accountant tal-Kunsill, is-Sur Louis Padovani.

1.05 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba.

## 1.2. Aġenda

1.2.01 Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppublikat fit-24 ta' Ottubru 2008. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Rapport Finanzjarju sat-30/09/08.
4. Offerti għas-Servizz ta' Contract Manager.
5. MEUSAC.

6. Kumpless Dun Anton Sciberras.
7. Attivitajiet tal-Milied.
8. Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet
9. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni tal-Minuti**

1.3.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Minuti 08/K6/08 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 08/K6/08.

1.3.03 Il-Kunsillier Richard Scicluna ssekondah.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

1.3.05 Iċ-Chairman talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġi diskuss Item 3 ta' l-aġenda qabel Item 2.

1.3.06 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**3 Rapport Finanzjarju sat-30/09/08**

3.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bir-rapport Finanzjarju sat-30/09/08 (Ara Appendiċi 'A').

3.02 Is-Sur Louis Padovani flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv taw spjegazzjoni ddettaljata ta' dan ir-rapport u nġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill biex ma jkunx dependenti fuq il-fondi li jirċievi mis-sistema tal-Local Enforcement.

3.03 Wara diskussjoni qasira l-Kunsill irringrazzja lis-Sur Padovani u lis-Segretarju Eżekuttiv għall-ħidma tagħhom. Is-Sur Padovani ġie skużat fit-2.45 p.m.

3.04 Il-Kunsillier Richard Scicluna ppropona l-approvazzjoni tar-rapport finanzjarju sat-30/09/08.

3.05 Il-Kunsillier Ronald Agius issekondah.

3.06 Il-Kunsill qabel unanimament.

3.07 Iċ-Chairman informa lill-Kunsill illi nhar l-Erbgħa 22 ta' Ottubru 2008 ġew iffirmati l-kuntratti mal-MEPA fejn il-Kunsill ser jingħata €55,742.73 għall-proġett ta' Ġnien Saver Zarb u €275,494.17 għall-proġett ta' Triq Sant' Elia. Hawnhekk Iċ-Chairman issuġġerixxa li l-ammont ta' €73,652.00 li huwa budġettjat fuq Triq Sant' Elia flimkien ma' l-ammont ta' €37,850 li huwa budġettjat fuq Ġnien Saver Zarb jiġu trasferiti għall-account 2311- Tiswija u Manutenzjoni tat-Toroq.

3.08 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

**2 Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman Peter Bonello. Dawn huma:-

| **Rif. Nru.** | **Korrispondenza** |
|---|---|
| 3764/4030/4077 | Memo 26/2008, Memo 32/2008 u Memo 33/2008 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward avviżi fuq 'The Malta Independent'. |
| 3815 | Memo 27/2008 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Servizzi Klerikali. |
| 3838 | Ittra mingħand l-EC Malta Language House rigward artiklu li deher fil-fuljett 'Leħen il-Kunsill Tiegħek'. |
| 3840 | Ittra mingħand Ms Sharon Balzan, Wasteserv Promoter, rigward sehem f'attivitajiet li jorganizza l-Kunsill. |
| 3872 | Memo 29/2008 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Servizz mill-MEUSAC lill-Kunsilli Lokali – EU Contact Persons. |
| 3891 & 4177 | Emails mingħand l-AKL dwar Webpage Ċentrali. |
| 3941&4270 | Emails mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward skema għall-anzjani tal-lokal. |
| 3978 | Ittra mingħand il-MEPA rigward *Site at Triq id-Dragunara – To erect a boundary wall – change of use to car park*. |

4034 Ittra mingħand Fr. Frankie Cini, Direttur tad-Dar ta' San Ġużepp rigward opportunita' għat-tfal residenti.

4104 Ittra mingħand l-AKL rigward Bus Shelters.

4120 Ittra mingħand l-Onorevoli Chris Said rigward il-proċeduri ta' l-ADT.

4134 Ittra mingħand l-ADT rigward ir-rakkomandazzjoni li saret dwar l-un/loading bay ta' ħdejn il-McDonalds.

4249 Ittra mingħand it-TcTc rigward computer courses.

4285 Ittra mingħand Charles Grech & Co rigward parking f'Paceville.

4286 Ittra mingħand San Ġiljan Aquatic Sports Club rigward użu tal-pitch ta' Ta' Ġiorni.

4292 Ittra mingħand is-Sindku ta' San Ġwann rigward skip li hemm fi Triq il-Baltiku.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

Rif. Nru. 3838

2.02 Saret riferenza għall-ittra mingħand is-Sur Maurice Rizzo, il-General Director tal-EC Malta Language House rigward artiklu li deher fil-fuljett 'Leħen il-Kunsill Tiegħek'. Filwaqt li nġibdet l-attenzjoni sabiex fil-ħarġiet li jmiss tingħata aktar attenzjoni biex ma jerġax ikun hemm sitwazzjoni simili, ġie deċiż unanimament illi:-

- tintbagħat ittra ta' apoloġija lill-EC Malta Language House;
- Tiġi ppublikata write up tas-Sur Rizzo fil-magażine li jmiss.

Rif. Nru. 3872

**2.03** Saret riferenza għall-Memo 29/2008 rigward *Servizz mill-MEUSAC lill-Kunsilli Lokali – EU Contact Persons.* Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill illi peress li

l-Kunsill intalab informazzjoni li kellha tasal id-dipartiment sal-10 ta' Ottubru 2008 hija ġiet inkarigata mis-Sindku sabiex tinformahom li s-Sindku Peter Bonello u l-Kunsillier Edgar Montanaro ser ikunu l-EU Contact Persons. **(Rif. Nru. K912/255;74/08)**

Rif. Nru. 3891&4177

2.04 B'riferenza għall-ittri mingħand l-AKL u Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Webpage Ċentrali ġie deċiż unanimament illi:-

- Jintbagħat il-kwestjonarju bl-informazzjoni li diġa ġiet miġbura min-naħa ta' l-amministrazzjoni ;

- Il-Kunsillier Edgar Montanaro jkun il-persuna li jieħu ħsieb dan il-proġett u jgħaddi aktar informazzjoni lill-amministrazzjoni biex tiżdied ma' dik li diġa ntbagħtet;

- jekk hemm xi kunsilliera li għandhom xi informazzjoni biex titniżżel fuq il-Website għandha tiġi mgħoddija lill-Kunsillier Edgar Montanaro.

Rif. Nru. 3941 & 4270

2.05 B'riferenza għall-korrispondenza rigward l-iskema ġdida li ġiet imnedija għall-anzjani, l-Kunsilliera Irene Borg ppreżentat brochures li ġew imqassma waqt il-laqgħa li saret għall-Kunsilliera inkarigati mill-anzjani, nhar it-Tlieta 28 ta' Ottubru, filwaqt li infurmat lill-Kunsill illi hi nteressata li tieħu grupp ta' anzjani għal btala f'Għawdex.

2.06 Ġie deċiż unanimament illi meta l-Kunsilliera Irene Borg torganizza l-attivitajiet għal Għawdex anke jekk dawn ikunu 'self funding' hija tiġi rimbursata l-ispejjeż tat-trasport.

Rif. Nru. 4034

2.07 Saret riferenza għall-ittra mingħand Fr. Frankie Cini, Direttur tad-Dar ta' San Ġużepp, Sta Venera. Peress li din id-dar tagħmel parti mit-tmien skeda ġie deċiż unanimament illi jingħataw €116.46 (Lm50) bħala donazzjoni.

Rif. Nru. 4104

2.08 B’riferenza għall-ittra mingħand l-AKL rigward l-installazzjoni ta’ Bus Shelters ġie deċiż unanimament illi:-

- Il-Bus Stop li hemm fil-Pjazza tal-Balluta, n-naħa tal-Lukanda Le Meridian, jittneħħa minn hemm u minflok jitqiegħed in-naħa l-oħra tal-Pjazza tal-Balluta fejn hemm il-ħwienet.

- Tintbagħat it-talba lill-ADT sabiex dan il-Bus Stop jersaq.

- Is-Sindku Peter Bonello jipprovdi r-ritratti tal-Bus Shelters tal-Balluta u ta’ Ta’ Ġiorni sabiex tkun tista issir it-talba lill-Faces Displays Ltd biex isiru l-bus shelters kif ukoll it-talba lill-ADT;

Rif. Nru. 4249

2.09 B’riferenza għall-ittra mingħand it-TcTc rigward korsijiet tal-kompjuter, ġie deċiż unanimament illi:-

- Is-Sur Ray Abela, TcTc, jiġi nfurmat illi l-Kunsill huwa nteressat f’dawn il-korsijiet u jiġi mistoqsi jekk l-avviż jistax jiġi mqassam mal-ħarġa tal-magażine tal-Kunsill li jmiss;

- Il-Kunsillier Ronald Agius jistaqsi lill-Fr. Hilary jekk tistax tintuża l-Millennium Chapel biex jingħataw dawn il-korsijiet. Jekk ir-risposta tkun negattiva tintbagħat ittra lis-Sur Micallef, is-Surmast ta’ l-iskola primarja, rigward il-possibilita’ li jsir użu tas-sala ta’ l-iskola;

Rif. Nru. 4285

2.10 B’riferenza għall-ittra mingħand Charles Grech & Co Ltd ġie deċiż unanimament illi tintbagħat ittra lill-Uffiċċjal Awtorizat, is-Sur David Soler, sabiex jiġi kkunsidrat li cctv cameras jiġu mwaqqfa bejn id-9.00am u l-10.30am, mit-Tnejn sas-Sibt strettament għad-deliveries. F’każ li ma jkunx hemm oġġezzjoni mill-LES isir avviż fuq il-gazzetti.

Rif. Nru. 4286

2.11 Saret riferenza għat-talba li saret minn San Ġiljan Aquatic Sports Club sabiex jintuża il-football pitch tal-Kumpless Dun Anton Sciberras, Ta' Ġiorni. Ġie deċiż unanimament illi l-Kunsill aċċetta t-talba iżda għad iridu isiru d-diskussjonijiet dwar il-ħin.

**4 Offerti għas-Servizz ta' Contract Manager**

4.01 Il-Kunsill ġie pprezentat b'kopja tas-schedule tat-tender (Ara Appendiċi 'B').

4.02 Inġibdet l-attenzjoni li l-offerta sottomessa mill-Perit Robert Grech ma kelliex il-Bid- Bond.

4.03 Wara diskussjoni qasira l-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona li t-tender jingħata lill-MP&DC u li dan jingħata għal perjodu ta' sena u jiġġedded sena b'sena sa massimu ta' tlett snin.

4.04 Il-Kunsillier Richard Scicluna ssekondah.

4.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

**5 MEUSAC**

5.01 Saret riferenza għal-laqgħa li saret nhar il-Ħamis 23 ta' Ottubru 2008 ma' Dr.Vanni Xuereb, is-Sur Daniele Fantechi u S-Sur Osvalido Zammit, rappreżentanti tal-MEUSAC, rigward għajnuna lill-Kunsilli Lokali biex iżidu s-sehem tagħhom fi programmi tal-Unjoni Ewropea.

5.02 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament illi ssir talba sabiex il-Kunsill jibbenefika mill-fondi tal-EU għall:-

- Restawr tal-Palazzo Spinola;
- Wied Għomor jiġi rranġat u jsir 'recreational area';
- Ġemellaġġ;
- Faċilitajiet Sportivi.

6 **Ġnien Dun Anton Sciberras**

6.01 Il-Kunsill ġie pppreżentat b'kopja tas-schedule tat-tender (Ara Appendiċi 'Ċ').

6.02 Saret riferenza għall-Minuti 08/K6/08, taqsima 3, fejn il-Kunsill iddeċieda li tingħażel l-offerta tal-kuntrattur Joseph Camilleri. Il-Kunsill ġie nfurmat illi minn informazzjoni verbali jidher li din il-persuna mhux addatata li tingħata r-responsabilta' tat-tmexxija tal-Kumpless. Hawnhekk il-Kunsilliera Irene Borg għamlet riferenza għad-dikjarazjoni li għamlet (ara Inc. 4276/08 – appendiċi 'D').

6.03 Is-Segretarju Eżekuttiv reġgħet ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li għadu ma rċeviex id-devoluzzjoni ta' l-art u għalhekk il-Kunsill mhuwiex f'sitwazzjoni li jista' jiddeċiedi lil min ser jagħti l-offerta għat-tmexxija tal-Ġnien Dun Anton Sciberras.

6.04 Wara diskussjoni l-Kunsilliera Irene Borg ipproponiet li tinħareġ sejħa oħra għall-offerti biex il-Kunsill ikollu aktar għażla.

6.05 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondaha.

6.06 Il-Kunsillier Edgar Montanaro għamel kontra proposta li tgħid:- "peress li l-art għadha ma ġietx devoluta lill-Kunsill u għad m'hemmx is-servizzi ta' l-ilma, il-kwistjoni tiġi sospiża sakemm jinħarġu dawn il-permessi".

6.07 l-Kunsillier Ronald Agius issekondah.

6.08 Il-kontra proposta għaddiet għall-votazzjoni.

6.09 Ħames Kunsilliera vvutaw favur filwaqt li l-Kunsilliera Irene Borg u Norman Vella vvutaw kontra.

6.10 Għaddiet il-kontra proposta.

6.11 Il-Kunsilliera Irene Borg ġiet skużata fl-4.30 p.m.

7 **Attivitajiet tal-Milied**

7.01 Saret riferenza għall Inc. 4229/08 u Inc. 4297/08 mingħand Marie Therese Vassallo u l-Każin Banda San Ġiljan rispettivament.

7.02 Ġie deċiż unanimament illi bħala attivitajiet tal-Milied:-

- Jittellgħu attivitajiet b'kollaborazzjoni mal-Kunsill ma' Marie Therese Vassallo fl-20 ta' Diċembru 2008 u mal-Każin Banda San Ġiljan fil-21 ta' Diċembru 2008 u jingħataw €232.93 (Lm100) il-wieħed biex ikopru parti mill-ispejjeż;

- Isir it-tiżjin tat-toroq bil-'Christmas Light Decorations' skond il-kuntratt li sar fl-20 ta' Novembru 2007.

- Issir ikla għall-Kunsilliera u l-istaff, bil-partners, it-Toto Restaurant, id-data tiġi deċiża aktar il-quddiem;

- Issir il-ħarġa għall-anzjani;

- L-impjegati tal-Kunsill nkluż is-Sur Victor Cachia u Ms Connie Saliba jattendu l-attivita' 'Kun Silly' għal ispejjeż tal-Kunsill;

- Minflok jintbgħatu kartolini tal-Milied, tingħata donazzjoni ta' €232.93 (Lm 100.00) lill-Mużew ta' San Ġiljan.

**8. Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet**

8.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'E').

8.02 Il-Kunsillier Karl Gouder ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

8.03 Il-Kunsillier Ronald Agius issekondah.

8.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**9 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

9.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 2520 sa 2534 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'F').

9.02 Ġie deċiż unanimanent illi:-

- Tiġi rranġata l-bankina ta' ħdejn l-HSBC fi Triq San Ġorġ, peress li saret tiżloq ħafna;
- Isir patching fi Triq il-Kbira k/m Triq Lapsi u Sqaq is-Siġra;
- Issir kurduna fi Triq Dun Anton Tabone u fi Triq il-Bajja;
- Issir bankina fi Triq San Mark;
- Titpoġġa skip fi Triq Luigi Apap;
- Isiru Parking Bays fid-daħla ta' ħdejn l-iScotts.
- Isir patching fi Triq Wilġa quddiem it-Terrazin Restaurant ;
- Jitnaddaf il-culvert ta' ħdejn il-Pjazza tal-Balluta, quddiem it-taraġ ta' Triq il-Marquis Scicluna;
- Tiġi rrapurtata t-tappira ta' Triq il-Knisja quddiem il-Millennium Chapel minħabba li sfrundat;
- Jiġu rranġati / jinbidlu l-isleeping policeman li hemm fi Triq il-Knisja;

9.03 Il-Kunsillier Karl Gouder ippropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 2520 sa 2534.

9.04 Il-Kunsillier Norman Vella issekondah.

9.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

9.06 Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

9.07 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**10 Materji Oħra**

10.01 Saret riferenza għall-Minuti 1/K6/08 datati 3 ta' April 2008 rigward is-servizz ta' tindif fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill. Il-Kunsill ġie infurmat illi l-persuna disponibbli biex tagħti dan is-servizz talbet li tingħata €5.80 (Lm 2.50) is-siegħa minflok €4.66 (Lm 2.00) is-siegħa u l-ispejjeż tat-trasport .

10.02 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

10.03 Inġibdet l-attenzjoni għall-parteċipazzjoni tal-Kunsill fil-Clean Up Malta 2008 li saret fit-23 ta' Ottubru 2008. Il-Kunsill ġie nfurmat illi tnaddaf Ġnien Dun Anton Sciberras u t-tfal li ħadu sehem, mill-iskola primarja Dun Ġużepp Xerri, ingħataw snack u bibita għall-ispejjeż tal-Kunsill.

10.04 Saret riferenza għall-pagament ta' Liċenzja P/TL/C/107/96 ta' l-Awtorita' tat-Turiżmu ta' Malta dwar 'Tea & Coffee Shops'. Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li meta sar id-depożitu ta' dan il-pagament €818.54 (Lm 351.39), il-Kunsill ġie nnotifikat mill-Bank li waħda minn noti ta' €20 (Lm 8.58) kienet suspettata falza. Peress li f'dik il-ġurnata sar pagament wieħed biss ta' l-MTA , ġiet ikkuntatjata l-persuna li għamlet dan il-pagament. Għalkemm din il-persuna ma nnegatx il-fatt li setgħat tagħat €20 (Lm 8.58) falza għada ma ssettiljatx din il-kwistjoni.

10.05 Ġie deċiż unanimament illi l-Kunsill joħroġ l-€20 (Lm 8.58) biex tiġi ssettiljata din il-kwistjoni.

10.06 Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill illi mat-tank ta' l-ilma tal-Kunsill kien hemm tank ieħor imqabbad ta' Nru. 1 li jappartjeni lis-Sur Ray Bonnici. Is-Sur Bonnici ġie nfurmat li t-tank tiegħu ġie skunnettjat.

10.07 B'riferenza għall-wirja ta' l-għasafar li ser issir f' Novembru b'kollaborazzjoni mal-Kunsill, inġibdet l-attenzjoni illi hemm spiża oħra ta' €116 (Lm 50.00) għas-servizz ta' watchman għal tlett ijiem.

10.08 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li titħallas din l-ispiża wkoll.

10.09 Ser isir Monitor fil-Knisja Parrokjali u l-Kunsill ser jagħmel reklam għall-ammont ta' €291 (Lm125) għal xaharejn.

10.10 Il-Kunsill ġie nfurmat illi:-

- Ser tinħareġ sejħa għall-offerti għal 'safety fencing' għall-Ġnien Saver Zarb;

- Wara li Triq il-Klarissi saret 'One Way' fuq talba tar-residenti din ser issir għal waqt il-ħinjiet ta' l-iskola biss.

10.11 Saret riferenza għall-iskip ta' ħdejn Palazzo Spinola u ġie ssuġġerit illi tinġibed l-attenzjoni tal-foreman tal-Cleansing sabiex il-kenniesa ma jbattlux il-karretta ġo fiha.

10.12 Il-Kunsillier Edgar Montanaro nforma lill-Kunsill illi irċieva ittra mingħand l-Avukat Scerri għan-nom tal-klijent tiegħu, biex jiġi rifondut l-ispejjeż ta' tyre li ġarrab ħsara ġewwa l-Balluta mad-dawra tal-kunvent.

10.13 Ġie deċiż unanimament illi s-Sur Montanaro jipprovdi d-dokumenti neċessarji sabiex jiġu rifonduti l-ispejjeż.

10.14 Ġie deċiż unanimament illi:-

- Jintbagħat l-Enforcement Officer biex jagħmel kontroll fuq l-iżvilupp li qed isir ħdejn La Terrazza Restaurant (PA 04880/05);

- Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss issir il-Ħamis 20 ta' Novembru 2008.

10.15 Iċ-Chairman Peter Bonello għalaq il-laqgħa fil-5.15p.m.

| | |
|---|---|
| **Peter Bonello** | **Helen Walker** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |